# Il-Ħadd 15.11.2015

1. It-Tlieta 17/11:-
   - Fid-9:30am - Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.
     Kulħadd mistieden.

2. L-Erbgħa 18/11:-
   - Bejn is-7:00pm u s-7:30pm – L-ewwel sessjoni ta' taħriġ għal-letturi tal-quddies immexxija mis-Sur Anton Farrugia, xandar fuq Campus FM.
     *Għaldaqstant il-Kappillan flimkien mal-Kummissjoni Liturġija jħeġġu lill-qarrejja tal-quddies biex jidħlu jinkitbu fis-sagristija għal xi waħda minn 3 sessjonijiet ta' taħriġ li ser jiġu organizzati apposta għalihom fil-knisja kull nhar ta' Erbgħa filgħaxija. Kull sessjoni hija limitata għal 4 jew 5 persuni. Tajjeb nieħdu din l-opportunità biex nagħrfu nagħtu servizz aħjar lill-Kelma t'Alla.*

3. Il-Ħamis 19/11:-
   - Fis-7:15pm tiltaqa' il-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ġimgħa 20/11:-
   - Fis-6:30pm tiltaqa' l-Assemblea Djoċesana fil-Katekumenju, il-Mosta.

5. Is-Sibt 21/11:
   - Fid-9:30am - It-Tieni Laqgħa tal-Assemblea Djoċesana.
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa żgħira flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali.

6. Il-Ħadd 22/11, **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu**:-
   - Fil-5:00pm - Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re fil-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar
     bit-tema: *Kristu Sultan, ħenn għalina.*

7. Avviżi oħra:-
   - B'rabta maċ-ċimiterju, infakkar biex nieħdu ħsieb id-donazzjonijiet biex inkunu nistgħu nifdu l-ispejjeż tal-konsum tad-dawl u l-ilma, kif ukoll l-ispiża tas-siġġijiet il-ġodda tal-ċimiterju.
   - Bħas-snin ta' qabel, il-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Kalendarju bl-attivitajiet Parrokkjali għas-sena 2016. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.
   - Il-Kap tal-Iskola Primarja qed tavża li għall-festi tal-Milied bi ħsiebha ssir Siġra tal-Milied mill-fliexken tal-plastic. Għaldaqstant titlobkom biex jekk ikollhom fliexken tal-ilma vojta bojod jew tal-kulur teħduhom l-iskola ħalli jintużaw għal dan il-għan.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 350 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa;
   - € 156 mil-lotterija li kellna, b'risq ir-restawr tal-bankun u n-niċċa ta' San Pawl;
   - € 275 bħala donazzjonijiet b'risq is-siġġijiet il-ġodda taċ-ċimiterju.
   - € 40 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-bankun u tan-niċċa ta' San Pawl. Grazzi.